Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35

Data tal-laqgħa: 24 ta' Awwissu 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Stephen Gatt – Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)
Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

35.1.1 Is-SE ressqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Stephen Gatt fejn infurma li ma setax jattendi għal-laqgħa. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

35.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 34. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

35.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, li kienet issekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 35.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

35.3.1 <u>Para 34.11 – *Park Lane Project*</u>
Is-SE infurmat li għadha qed tistenna risposta mingħand il-Perit. Is-Sindku infurma li nhar il-Ħamis se ssir laqgħa mal-Perit biex jiġu diskussa l-affarijiet pendenti.

## 35.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

35.4.1 <u>Laqgħa mas-Surġent</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill bil-laqgħa li kellu mas-Surġent, fejn ġew diskussi l-problema ta' parkeġġ irregolari fiż-żona tal-pjazza, kif ukoll il-problema ta' rimi ta' skart fi Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal. Ġie rrimarkat li fil-lokalità hawn nuqqas ta' infurzar. Kien hemm qbil li tintbagħat *email* lis-Surġent biex nitolbu aktar infurzar.

35.4.2 <u>Xogħlijiet relatati mas-*Central Link*</u>
Is-Sindku infurma li wara li kien hemm xi ilmenti li saru xi ħsarat fl-akwadott, kiteb lis-*Superintendance of Cultural Heritage,* fejn ikkonfermaw li ma saret l-ebda tip ta' ħsara.

35.4.3.1 <u>Xogħlijiet fi Triq Idmejda</u>
Is-Sindku infurma lix-xogħlijiet li qed isiru minn WSC huma skedati li jitkomplew mill-ewwel ġimgħa ta' Settembru u jkunu lesti sa nofs Settembru. Infurma li ntbagħtet email lill-Inġinier inkarigat biex jirranġaw il-gandotti li hemm fit-triq. Qal ukoll li ikkonfermaw li l-bankinai ser jagħmluhom fl-istat oriġinali li sabuhom.

35.4.3.2 Il-Kunsill qabel li jingħata wiċċ ġdid lill-bankini, jekk dawn ma jiġux tajbin.

35.4.4 <u>*ATM Machine*</u>
Is-Sindku infurma li l-HSBC ikkonfermaw li l-*ATM machine* mhux ser titneħħa mil-lokalità.

35.4.5 <u>Siġar li tneħħew minn Triq l-Imdina</u>
Is-Sindku reġa' semma s-siġar fi Triq l-Imdina li nqalgħu minn IM relatati max-xogħlijiet tas-*Central Link*. Ġie rrimarkat li fejn qed jiġi allegat li tneħħew is-siġar, ma jiġix fil-konfini ta' Ħal Balzan. Se jiġu ċċekkjati l-konfini biex jiġi kkonfermat dan.

35.4.6 <u>Servizz tat-trasport pubbliku</u>
Issemmiet il-problema lit-trasport pubbliku mhux qed jgħaddi minn Triq Ġuże' Bonnici u Triq Sir Antonio Micallef. Is-Sindku qal kif l-karozzi tal-linja ser jerġgħu jibdew bir-rotta normali hekk kif titlesta Triq Sant'Antnin.

35.4.7 *Art Exhibition*

Is-Sindku infurma li kellmitu persuna li huwa nteressat jagħmel *Art Exhibition* fil-lokalità u qed jitlob l-appoġġ tal-Kunsill. Din se tkun esibizzjoni tal-arti minn nies Balzanin. Dettalji jiġu mgħotija aktar 'il quddiem u m'hu se jkun hemm l-ebda spiża għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jappoġġja din l-esibizzjoni.

35.4.8 Laqgħa mal-President ta' Malta

Is-Sindku infurma li bħala Reġjun kellhom laqgħa mal-President ta' Malta, ġew diskussi l-problemi tal-lokalitajiet. Is-Sindku qal li min-naħa tiegħu semma x-xewqa li bħala Kunsill ikollu s-sehem aktar b'saħħtu fejn jidħol l-iżvilupp, speċjalment fejn jidħlu proġetti maġġuri.

35.4.9 *Email* mill-Greenpak

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, *email* mibgħuta mill-GreenPak dwar il-proċedura ta' kif ser jibda jiġi trattat l-iskart mormi madwar il-B-I-S. Ser jiġi ċċekjat il-kuntratt preżenti li l-Kunsill għandu mal-GreenPak biex naraw x'kundizzjonijiet fih.

35.4.10.1 Talba biex issir *sleeping policeman* u *one-way* fi Triq il-Kannizzata

Residenta qed titlob li ssir *sleeping policeman* fi Triq il-Kannizzata, int u tiela' minn Triq Birbal għal Triq il-Ferrovija l-Qadima. Skond il-*policy* maħruġa mill-Kunsill, qabel ma' din it-talba tiġi diskussa, ir-residenta trid iġġib il-kunsens tar-residenti fiż-żona.

35.4.10.2 L-istess residenta ssuġġeriet li Triq il-Kannizzata tiġi kollha *one-way*. Il-Kunsill irrimarka li l-parti li hemm *two-way* hija wiesgħa biżżejjed u għalhekk is-suġġeriment ma ġiex approvat.

## 35.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

35.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 35.6 L-Ittra ta' Direzzjoni 2020 u r-Risposta tal-Kunsill

35.6.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta' Direzzjoni li waslet fit-23 ta' Lulju 2021 (li ġġib id-data tal-20 ta' Lulju 2021) u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill li ġġib id-data tal-24 ta' Awwissu 2021. Kopja ta' dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

35.6.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, li kienet sekondata mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni ġiet approvata unanimament. Din ser tintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Udituri tal-Gvern Lokali.

## 35.7 Rapporti

35.7.1.1 *Tender for the Provision and Maintenance of Traffic Signs and Road Markings* – BLC 02/2021 - Aġġudikazzjoni

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 02/2021.

35.7.1.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-offerta ta' B Grima & Sons u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvati.

## 35.8 *Street Naming Committee* – Pjazza Bertu Fenech u Triq iz-Zekkuk

35.8.1 Is-SE infurmat li flimkien mas-Sindku attendaw għal-laqgħa mal-*iStreet Naming Committee* dwar 2 *issues* relatati ma' *door numbering* fil-lokalità.

35.8.2 L-ewwel waħda hija għalqa fi Triq iz-Zekkuk, fejn qed jistaqsu jekk hix provata jew pubblika. Ġie rrimarkat li din l-għalqa hija privata.

**F'dan il-ħin (4.45pm) daħal il-Kunsillier Andrè Grech għal-laqgħa.**

35.8.3 It-tieni *issue* hija relatata ma' *door numbering* fiż-żona tal-pjazza. Ġejna nfurmati liż-żewġ t'idjar li hemm bejn l-Għassa u l-Każin tal-PL preżentament huma mniżżlin ma' Triq il-Kbira u talbu l-Kunsill jiddeċiedi jekk dawn għandhomx jiġu mniżżla jew ma' Triq it-Tliet Knejjes jew inkella ma' Pjazza Bertu Fenech.

35.8.4 Ġejna nfurmati wkoll li l-Każin tal-futbol preżentament qiegħed imniżżel ma' Triq it-Tliet Knejjes u talbu li l-Kunsill jiddeċiedi dwar jekk għandux jiġi ma' Triq il-Kbira jew ma' Pjazza Bertu Fenech.

35.8.5 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li dawn it-tliet proprjetajiet ikunu mniżżla ma' Pjazżza Bertu Fenech.

## 35.9 Għalqa f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina

35.9.1 Is-SE infurmat li għad m'għandiex risposta mingħand il-Perit u ser tiġi diskussa mal-Perit fil-laqgħa li se ssir nhar il-Ħamis. Dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 35.10 *Town Twinning*

35.10.1 Is-SE infurmat li jekk il-Kunsill ser japplika, id-data tal-għeluq hija s-26 ta' Awwissu 2021. Is-Sindku qal li waħda mill-problemi li hemm hija li waqt il-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-SEM, ma ngħatajniex informazzjoni ta' kif insibu *partner* għal proġetti bħal dawn. Ġie rrimarkat li din l-iskema hija aktar għal xi proġett speċifiku milli għal Ġemellaġġ,

35.10.2 Il-Kunsillier Andrè Grech qal li fil-passat ir-Reġjun kienu appuntaw persuna teknika biex tgħin lill-Kunsilli Lokali f'dawn it-tip ta' proġetti, però l-kuntratt mar-Reġjun kien għalaq. Ser inġibu d-dettalji ta' din il-persuna biex naraw tistax tgħin lill-Kunsill u terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 35.11 Tisbiħ tal-*Playing field*

35.11.1 Ġiet innutata r-risposta tal-Perit dwar l-istima tal-proġett, fejn qed jgħid li la hu u lanqas ħadd mill-uffiċċju tiegħu qatt ma taw indikazzjoni tal-valur qabel ma tlestiet l-istima. F'dan ir-rigward, il-Kunsill m'għandux triq oħra ħlif li jħallas il-kont tal-istima.

35.11.2 Peress li l-ispiża ser tkun għolja ħafna, u l-Kunsill irċieva rispons negattiv mingħand ir-residenti, kien hemm qbil li proġett kif kien qed jiġi propost oriġinarjament jiġi mwarrab u jsir proġett ta' tisbiħ li jinkludi *outdoor gym* fuq is-saqaf tal-latrina, *equipment*, dawl u bankijiet ġodda, żieda fil-pjanti u siġar mad-dawra, tisbiħ tal-latrina u tal-*gazebo*.

35.11.3 Issemmiet id-daħla (li kienet *bus shelter* fil-passat) li hemm fi Triq Ġużè' Bonnici u l-Kunsill qabel li din tiġi *in line* mal-kumplament taċ-ċint biex issir siġra / qasrija kbira.

35.11.4 Dawn il-punti ser jiġu diskussi mal-Perit fil-laqgħa li se ssir nhar il-Ħamis.

## 35.12 *Traffic Island* fi Triq il-Kannizzata kantuniera ma' Triq Birbal

35.12.1 Is-SE infurmat li għad m'għandiex risposta mingħand il-Perit u ser tiġi diskussa mal-Perit fil-laqgħa li se ssir nhar il-Ħamis. Dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 35.13 *Sleeping policemen* fi Triq il-Kbira

35.13.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li mhux ser jipparteċipa fid-diskussjoni ta' din l-*item* peress li waħda mill-*objectors* hija qariba tiegħu.

35.13.2 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, ir-rispons li rċeviet mir-residenti tat-tliet żoni fejn qed jiġu proposti s-*sleeping policemen*. Spjegat li fl-ittra li ntbagħtet, ir-residenti kienu nfurmati li jekk ma jibgħatu l-ebda tweġiba ser jiġu meqjusa li jaqblu mal-proposta.

35.13.3 Is-SE spjegat li kien hemm oġġezzjonijiet minn diversi residenti għas-*sleeping policeman* proposta viċin Triq San Rokku u ta' viċin Sqaq nru. 1. Qalet ukoll li ma rċeviet l-ebda rispons fuq l-*isleeping policeman* proposta viċin Triq San Franġisk.

35.13.4 F'dan ir-rigward, il-Kunsill iddiskuta u la m'oġġezzjoni ħadd, kien hemm qbil li napplikaw għal permess ma' TM għal dik ta' viċin Triq San Franġisk. Din ser tkun maqsuma min-nofs, biex ma żżommx ilma.

## 35.14 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

35.14.1 Is-SE infurmat li kkonfermat mar-Reġjun li l-iskemi jridu jiġu kollha implimentati sal-aħħar ta' Novembru 2021 u mhux sal-aħħar ta' Awwissu 2021.

35.14.2.1 <u>Skema 6/2020 – Avvenimenti Soċjo Kulturali</u>
Is-Sindku qal li l-Kunsill oriġinarjament kien ippropona kunċert biż-żewġ baned tal-Każini. Waħda miż-żewġ baned issuġġeriet li jorganizzaw akkademja mużikali (kunċert) waħedhom. Il-Kunsill iddiskuta u ġie deċiż li ssir attività waħda fejn ikun hemm il-kunċert mużikali bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Ħal Balzan.

35.14.2.2 Ser niktbu liż-żewġ baned biex naraw jekk humiex interesstati jipparteċipaw u jappuntaw persuna responsabbli minħabba *COVID-19 regulations*. Jekk jaċċettaw, jiġi pprepat il-programm biex inkunu nistgħu inġiebu kwotazzjonijiet mingħand *event organisers.*

35.14.2.3 Jekk dan il-kunċert ma jsirx, se nippruvaw norganizzaw xi tip ta' *exhibition*.

35.14.3.1 <u>Skema 1/2020 – Proġetti mill-Kunsilli Lokali</u>
Is-SE tat rendikont ta' x'ġie implimentat s'issa mill-fondi ta' din l-iskema:
- Trasport għall-anzjani - €5,000
- Korsijiet għall-anzjani - €4,950
- *Dog bins* – €1,557.60
- *Foot Health Sessions* – €350
- Ħasil tat-toroq – ix-xogħol għadu għaddej

35.14.2 Apparti minn dawn il-proġetti, il-Kunsill issuġġerixxa:
- Li jiġu mħawwla fjuri fil-*playing field*
- 2 *planters* kbar fejn l-għajn tal-ilma fil-Pjazza
- Dwal dekorattiv fit-toroq (bħas-sena l-oħra) għal żmien il-Milied

35.14.3 Il-Kunsill unanimament approva. Se napplikaw mar-Reġjun u nġiebu kwotazzjonijiet. Peress li ma tantx fadal żmien, kien hemm qbil li l-kwotazzjonijiet jiġu approvati permezz ta' *email* minflok nistennew sal-laqgħa li jmiss.

## 35.15 Jum Ħal Balzan 2021

35.15.1 Dan l-*item* ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 35.16 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

35.16.1.1 <u>Bdil fil-ħinijiet tax-Xitwa ta' waħda mill-impjegati</u>
Is-SE infurmat li waħda mill-impjegati talbet li jinbidlu l-ħinijiet tax-xogħol tagħha tax-Xitwa. Dan billi, minn Jannar, nhar ta' Ħamis taħdem mill-11.00am sal-4.00pm minflok mis-7.00am san-12.00pm.

35.16.1.2 Il-Kunsill iddiskuta u approva t-talba bil-kundizzjoni li jekk ikun hemm xi *leave* ippjanat (jew *sick)* mill-impjegata l-oħra, tkun trid tidħol filgħodu biex l-uffiċċju ma jinżammx magħluq.

35.16.2 <u>Bankina ġdida fi Triq Santa Marija</u>
Is-SE infurmat li ġabet kwotazzjoni li tammonta għal madwar €3,000 biex issir bankina ġdida quddiem dar 33 u dar 38. Is-SE qalet li qed tistenna 2 kwotazzjonijiet oħra. Il-Kunsill approva li l-ispiża (l-irħas offerta) tiġi ffinanzjata minn Skema 1/2020 tar-Reġjun.

35.16.3.1 <u>Parkeġġ fejn il-ficus fi Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>
Is-SE infurmat li resident qed jilmenta li l-parkeġġ ta' fejn is-siġra tal-ficus huwa wisq dejjaq, bil-konsegwenza li qed jintlaqtulhom il-karozzi. Is-SE qalet li l-*parking bays* saru minn IM meta għamlu t-triq u qiegħdin skond il-*guidelines* maħruġa minn TM. Ir-resident diġà ġie nfurmat b'dan u qed jinsisti li jew jitwaħħlu *cameras,* jew jiġu *residents' only* jew inkella titwaħħal tabella biex ma jipparkjawx vetturi kbar.

35.16.3.2 Il-Kunsill irrimarka li m'għandux xi jżid iktar mar-risposta li diġà ingħatat lir-resident.

35.16.4.1 <u>MC Bays ġodda fi Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>

Is-SE infurmat li residenta qed titlob biex ma jsirx l-*MC Bay* quddiem id-dar tagħha għax ser joħloqilha *blind spot* meta tiġi biex toħroġ mill-garaxx. Apparti minn hekk, bagħtet ittra mit-tabib tagħha fejn qed jgħid lir-residenta għandha xi problemi mediċi u jkollha bżonn tipparkja viċin id-dar (f'kaxxa safra fejn ġejja l-*MC Bay*). L-ittra tat-tabib qed tikkontradixxi dak li qed tgħid ir-residenta.

35.16.4.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-*MC Bay* issir xorta skond il-permess miksub minn TM.

35.16.5.1 <u>Isem ta' triq f'Ħal Balzan</u>

Is-SE infurmat li rċeviet talba minn żewġ persuni differenti biex parti minn Triq il-Papa Alessandru VII (bejn Triq San Valentin u Triq Idmejda) tiġi msemmija għall-Konti Bernardo Manduca. Is-Sindku infurma li rċieva talba simili biex triq oħra tissemma għal persuna oħra prominenti. Is-SE spjegat li skond il-linji gwida għat-tismija ta' toroq, f'każi eċċezzjonali biss għandu jkun hemm bdil fl-isem u ma jiġix aċċettat bdil fl-isem mingħajr raġuni valida.

35.16.5.2 Ġie rrimarkat li ma tistax taqsam triq b'żewġ ismijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niċċekkjaw mal-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq, jekk nistgħux nagħtu isem lill-isqaqien ta' Triq il-Providenza, billi jissemmew għal persuni distinti Balzanin, minflok jibqgħu Sqaq Nru. 1 u Sqaq Nru. 2 fi Triq il-Providenza.

35.16.6.1 <u>Siġra tal-ficus fi Buontempo Estates</u>

Is-SE infurmat li ftit tax-xhur ilu, resident kien talab li titneħħa siġra tal-ficus li xi ħadd ħawwel fejn l-istatwa tal-Madonna ġewwa Buontempo Estates, peress li qed isserraħ mal-ħajt tal-proprjetà tiegħu u jibża' li tista' tagħmillu l-ħsara peress li eżatt taħtha hemm il-*connections* tad-drenaġġ, kif ukoll bir bl-arkati. Is-SE qalet li infurmat lill-kuntrattur il-ġdid tal-*Parks & Gardens* b'dan il-każ u minn spezzjoni li saret mill-kuntrattur ġie stabbilit lis-siġra tista' tikkawża ħsara u li għandha titneħħa.

35.16.6.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li titneħħa s-siġra tal-ficus u immedjatament titħawwel siġra oħra li ma tagħmilx ħsara fi proprjetajiet ta' terzi, speċjalment bl-għeruq.

## 35.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

35.17.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 08/21, li tinkludi l-ammont ta' €83.55c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Lulju 2021.

35.17.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Andrè Grech, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Mary Louise Briffa. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 35.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

35.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40pm.

35.18.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2021 fl-4.00pm.

Il-minuti ġew ippreparati mis-SE. Konfermati, illum il-Ħamis 30 ta' Settembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Mark Mallia<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |